MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 1438/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**George Vella ta' 69 sena iben Gerald u Josephine nee' Formosa, imwieled Hal Qormi fil-11.08.1944, li joqghod 86, Veltino, Triq Dun Gwann Cilia, Qormi, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 699644(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, George Vella, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor cioe' magna tal-ghamla 'Watkiss Collating machine' bil-valur taghha jammonta ghal madwar 6800 ewro, li giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga.

U talli f'dawn il-gzejjer akkuzat li xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg cioe' magna tal-ghamla 'Watkiss Collating machine' bil-valur taghha li jammonta ghal madwar 6800 ewro, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat sew jekk dan f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom meta kien jaf li l-haga kienet gejja minn serq.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tad-29 ta' Dicembru 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fil-kaz in dizamina, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta'l-approprazzjoni indebita, u alternattivament bir-reat tar-ricettazzjoni.

**Ir-Reat ta'l-Approprazzjoni Indebita**.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata. Il-kwerela relattiva tinsab esebieta in atti bhala Dokument RA5.[1]

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula ***con l'animo di spostarsi del possesso***, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

[1] Fol.23

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha ***a proprio commodo o vantaggio;***

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

**"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku</u>;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."**

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e,***

***esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*”** (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[2]

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

**“Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.”**

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

[2] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

Illi mill-esposizzjoni legali ta'l-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misapproprazzjoni jidher illi dana ir-reat huwa ibbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett,

izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti fl-atti jirrizulta illi l-imputat kien jaghmel xoghol ta' stampar ghall-istamperija Moviment Azzjoni Socjali jew kif inhi imsejha MAS Print. Illi fil-perijodu taz-zmien indikat fl-akkuza, kien impjegat ma' din is-socjeta certu Rene Farrugia li kien jahdem bhala printer u kien ukoll jiehu hsieb il-*maintenance* tal-magni tal-printing press. Dan Farrugia ighid illi darba fost l-ohrajn il-*collator machine* li kellha l-istamperija kellha bzonn it-tiswija u ghalhekk huwa iddecieda jinkariga lill-imputat jaghmel ix-xoghol ta' tiswija fuqha. Ghalhekk din il-magna, skond Farrugia, giet ikkonsenjata lill-imputat ghal dan l-iskop.

Ghadda z-zmien u il-MAS Print ma baqghetx topera minhabba problemi finanzjarji meta s-segretarju finanzjarju ta'l-istamperija David Borg Cardona induna illi din il-*collator machine* kienet nieqsa. Fix-xhieda tieghu ighid illi din il-magna kienet inxtrat minghand is-socjeta Demajo f' April 2005 ghal prezz ta' Lm2922. Ighid illi meta ikkuntattja lill-imputat dan qallu li ma kellu l-ebda magna *collator* proprjeta ta'l-istamperija fil-pussess tieghu. Illi ghalhekk saret il-kwerela lill-pulizija abbazi ta'dawn il-fatti. Minn hawn tiskatta l-investigazzjoni tal-pulizija. Il-pulizija jaccedu fil-garaxx ta'l-imputat fejn jistaqsuh ghal dina l-magna. Fil-fatt huwa jammetti mal-ewwel illi ghandu *collator machine*, izda jichad illi din tappartjeni lis-socjeta MAS Print u jinsisti illi huwa akkwista dina l-magna minghand Farrugia ghal prezz ta' €2000. Illi fil-fatt anke meta jaghti x-xhieda tieghu fil-qorti, l-imputat jibqa' jinsisti illi huwa kien akkwista dina il-magna minghand Farrugia u anke jezebixxi bicca karta b'xi prezzijet u hlasijiet fuqha li huwa jinsisti li ghandhom x'jaqsmu mal-hlas ghal dina il-magna *collator*.

Illi essenzjalment dawn huma l-provi li hemm fl-atti u cioe' zewg xhieda u cioe' dik ta' Farrugia u dik ta'l-imputat li jikkontradixxu lil xulxin.

Illi l-Qorti mal-ewwel tosserva illi hemm certu nuqqasijiet f'dan l-iter processwali. Ibda biex l-akkuza ma fiha l-ebda data u ma tirreferi ghall-ebda zmien partikolari. Il-magna mertu ta' dina il-kawza qatt ma giet elevata mill-pulizija u jidher illi baqghet fil-pussess ta'l-imputat. Ma jidhirx lanqas illi il-parte civile ittiehdu fuq il-post sabiex jikkonfermaw jekk il-magna li kellu l-imputat kenitx fil-fatt il-magna taghhom. Per konsegwenza dina il-magna qatt ma giet esebieta fl-atti tal-kawza la materjalment u wisq anqas formalment. Lanqas ma gie stabbilit min hu sid il-magna ghajr illi dina hija proprjeta tal-Moviment Azzjoni Socjali, izda min jirrapprezenta lill-istess ghajr ghal kwerela minn fejn hemm indikat illi qed jidher David Borg Cardona ghan-nom u in rappresentanza ta' dina l-istamperija.  Lanqas dokument in sostenn ta' dan qatt ma gie esebiet.

Illi mill-fattispecje ta' dana il-kaz ghalhekk huwa car illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova u cioe' il-prova tal-magna innifisha. Kif tista' dina il-Qorti qatt tasal sabiex tistabilixxi illi l-imputat immisapproprja ruhu minn xi oggett appartenetenti lil haddiehor jekk dak l-oggett qatt ma gie identifikat, jekk dak l-oggett lanqas jifforma parti mill-atti tal-kawza! Illi l-parti leza (li dina l-Qorti ghadha sa issa ma identifikatx min hi) qatt ma indikat illi il-magna li tinsab ghand l-imputat hija l-istess magna li kien hemm fl-istamperija taghhom. L-imputat ighid li dina xtraha minn ghand Farrugia, Farrugia dana jichdu u isostni illi dina il-magna ghaddieha lill-imputat biex dan ta'l-ahhar isewwieha. Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghar-reat tal-misapproprjazzjoni huwa nieqes u dana ghaliex hemm kunflitt fil-provi ghar-rigward tal-ftehim li kien jezisti bejn l-imputat u dan Farrugia u cioe' jekk dina l-magna kenitx giet fdata lill-imputat sabiex issewwieha jew jekk dina kenitx giet mibjugha lilu u ghalhekk huwa sar proprjetarju ta'l-istess. David Borg Cardona ighid illi ma kienx prezenti meta sar dana il-ftehim u lanqas kien prezenti meta il-magna hadha l-imputat u kwindi ma jista' jitfa' l-ebda dawl fuq dawn il-fatti.

Illi per konsegwenza lanqas ir-reat tar-ricettazzjoni ma jista’ jirrizulta. Illi ghalbiex jirrizulta dana ir-reta irid jigi ippruvat:

1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;

2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w

3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]**; "Il-Pulizija vs.Giovanni Grima"** [25.10.2002])

Illi l-ebda minn dawn ir-rekwiziti ma gie ippruvat. Ibda biex ma hemmx l-icken prova illi l-magna akkwistata mill-imputat kellha xi provenjenza illegittima. Di piu’ ma hemmx l-icken prova fl-atti li tista’ remotament tindika illi l-imputat kien jaf bil-provenjenza illegittima ta’ dana l-oggett.

L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-

"***Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u tant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni.***"

S'intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs.Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn) Kif jghid il-KENNY :

***"The knowledge : The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen.. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."***

Illi mill-atti xejn minn dan ma gie ippruvat. L-imputat ighid illi huwa kien jaghmel negozju fuq bazi regolari ma’ Farrugia. Ighid ukoll illi il-prezz tal-magna kien wiehed ragjonevoli tenut kont illi dina kienet magna antika u *second hand*. Ighid illi huwa u Rene Farrugia kienu hbieb u hu kien jafdah u ghalhekk qatt ma kellu suspett illi l-magna setghet ma kenitx tieghu. Illi m’hemm l-ebda prova fl-atti li tista’ b’xi mod tikkontradixxi dak illi jistqarr l-imputat.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti ma tistax hlief tillibera lil-imputat mill-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ provi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------